MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-13 ta' Jannar, 2015

Numru 1242/2013

Il-Pulizija

(Spettur Kylie Borg)

vs

Andre Cassar

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta' karta tal-identita' numru 67376M akkuzat talli fil-Floriana nhar is-17 ta' Dicembru 2013 ghall-habta tat-1500 ta' wara nofsinhar:

1. minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor u cioe' ta' Charmaine Darmanin (membru domestiku), f'periklu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha ta' Charmaine Darmanin;
2. bil-hsieb li jaghmel delitt ta' griehi gravi fuq il-persuna ta' Charmaine Darmanin (membru domestiku), ura dan il-hsieb b'atti esterni u ta' bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt,liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' tieghu;

3. ghamel offiza fuq il-persuna ta' Charmaine Darmanin (membru domestiku), liema offiza titqies illi hi hafifa, skont kif iccertifika Dr. S.B. Bas MD;
4. saq ipprova jsuq jew kellu kontroll ta' vettura bil-mutur jew vettura ohra fit-triq, u cioe', vettura tal-ghamla Fiat Punto bin-numru tar-registrazzjoni HAP 695 wara li kien ikkonsma tant alcohol li l-proporzjon tieghu fin-nifs, fid-demm jew fl-urina kien izjed mill-limitu preskritt;
5. bl-imgieba tieghu ikkaguna lil Charmaine Darmanin (membru domestiku), biza li ser tintuza vjolenza kontra taghha f'xi okkazjoni;
6. fl-istess zmien u cirkostanzi gab ruhu b'mod li ta' fastidju lil Charmaine Darmanin (membru domestiku) u/jew b'mod li kont taf li dan kien ta' fastidju ghal Charmaine Darmanin;
7. bhala ufficjal jew impjegat pubbliku ghamle reat li kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minhabba l-kariga tieghu kellu dmir li jimpedixxi;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema' sommarjament, mhux opposta;

Semghat ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkunsidrat:

L-artikoli tal-ligi li jirregolaw dawn il-proceduri kontra l-imputat li tahtom huwa akkuzat, huma:

- l-Artikolu 41 u 216 tal-Kap 9;
- l-Artikolu 221 tal-Kap 9;
- l-Artikolu 15B tal-Kap 65;
- l-Artikolu 251A tal-Kap 9;
- l-Artikolu 251B tal-Kap 9;
- l-Artikolu 141 tal-Kap 9;

Intant l-fatti li taw origini ghal dawn l-proceduri jirreferu ghal grajja li avverat ruha fis-17 ta' Dicembru tas-sena l-ohra meta l-imputat ghal habta tat-3.00 ta' wara nofsinhar, mar ifittex lis-siehba tieghu, il-parti leza Charmaine Darmanin, li kellha tkun u difatti kienet l-lukanda Excelsior ma kollegi taghha tax-xoghol, ghall-ikla tal-ahhar tas-sena. Il-fatti juru li l-imputat wasal ezatt fil-hin meta l-parti leza kienet diehla l-lukanda flimkien ma xi mistiedna ohra. L imputat hawnhekk kien qieghed isuq l-vettura tieghu bin-numru tar-registrazzjoni HAP 695. Fost il-persuni li xehdu, li dak il-hin kienu dehlin il-lukanda flimkien mal-parti leza, hemm certi Naomi Attard (fol.72) u Neville Sammut (fol.80). Ix-xhieda taghhom saret fil-kuntest tal-ewwel tlett akkuzi, cjoe il-kawza tal-feriti u n-natura taghhom

allegatament sofferti mill-parti leza. Fil-kuntest ta'din ix-xhieda Naomi Attard fissret li fil-hin li kienu dehlin ghall-ikla allarmat ruha , b'hoss ta' vettura li gelitha istintivament taqbez mal-genb tat-triq u ghajtet lil parti leza li fil-pront daret. Tkompli fi kliema "…u imnalla daret ghax meta laqatha, laqatha fuq quddiem mhux fuq wara, jigifieri l-karozza dahlet bejn rkoptejha mhux go dara", Tiddiskrivi d-daqqa bhala mhux hafifa hafna u lanqas b'sahhitha bizzejjed biex ittajjarha. Stqarret li l-parti leza habtet wiccha mal-bonit. Ziedet tghid li dan gara fil-kurva bejn il-lukanda u t-triq "litteralment fejn hemm il-bicca konkrit". Ghalkemm kienet aktar specifika fil-kontro ezami taghha (fol.154 et seq) is-sostanza tax-xhieda taghha ma nbidlitx u l-enfasi baqet fuq il-velocita'. Mill-banda l-ohra ix-xhud Neville Sammut (fol. 80/161 et seq) wkoll accenna ghal mod ta' sewqan tal-imputat u spjega li l-imputat dar il-kantuniera li tghati ghall-lukanda "daqsxejn bil-goff" u zied jghid li l-parti leza ntlaqtet minhabba li kienet fuq il-parti ta' barra, fit-tarf. Semma wkoll li kien hemm bosta vetturi ohra nezlin u jirreferi wkoll ghal xi feriti li l-parti leza sofriet f'wiccha.

A propositu ta' dawn il-griehi jirrisulta li kienu ta' natura hafifa konsistenti f'lezjonijiet superficjali li jissemmew fic-certifikat mediku relattiv (fol.12).

Intant l-imputat hu akkuzat , apparti li kkawza feriti hfief, anke b'attentat li jaghmel feriti gravi fuq il-persuna tal-parti leza. Il-Qorti pero' din tal-attentat tal-ferita gravi ma tirriskontrahiex. Mill-provi u l-fatti mhux identifikabbli l-intenzjoni specifika tal-imputat li jikkawza tali feriti. Il-fatt li hu kien irrabjat ghall-parti leza mhux voldieri li ried jikkawzala xi ferita gravi. Li hu cert hu li saq u waqaf maghha b'risultat li kien hemm impatt hafif li zbilancja l-parti leza u minbarra rkobbtejha wegghet hafif wiccha meta habtet mal-bonnit tal-vettura tal-imputat.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat jinsab wkoll akkuzat li rreka fastidju lill-parti leza ai termini tal-Artikolu 251A (1)(a)(b) tal-Kap 9 u li kkaguna lill-parti leza biza li ser tintuza vjolenza kontra taghha ai termini tal-Artikolu 251B tac-citat Kap. Fuq l-iskorta tax-xhieda tal-parti leza (fol.37 et seq) senjatament dwar l-incident li sehh il-fergha tal-bank fejn klienet tahdem (ara fol.38) u l-varji rapporti esebiti (fol. 130 et seq) il-Qorti hi tal-fehma li jissusisti aktar milli r-reat taht l-Artikolu 251A dak taht l-Artikolu 251B.

Illi filwaqt li jirrizulta l-aggravju tahtl-Artikolu 141 tal-Kap 9 dedott taht is-seba akkuzal-Qorti mhiex sodisfatta li tinsab ukoll pruvata sodisfacjentament r-raba akkuza ( sewqan taht l –influwenza ta' xorb alkoloku) stante li hi l-fehma taghha li hawnhekk jghodd l-Artikolu 15E tal-Kap 65 li jassoggetta t-tehid ta' kampjun tan-nifs ghal dak preskritt mir-regolamenti, senjatament ghal dak provdut fil-Legilazzjoni Sussidjarja 65.16, dwar liema l-prova hi nieqsa u dan irrispettivament, fil-fehma tal-Qorti , li l-Artikolu 15E fuq imsemmi jafferma li r-riziultati tal-analizi ghandhom jigi prezunti bhala korretti sakemm ma jigix pruvat il-kuntrarju.

Fl-ahharnett u ghal kull bon fini jinghad li l-parti leza tinsab kwalifikata fit-tahrika mahruga kontra l-imputat bhala 'membru domestiku' fuq liema klassifikazzjoni l-Qorti matqabilx u dan fit-termini tal-Artikolu 2 tal-Kap 481.

Inghad dan pero, issib u tiddikjara l-imputat hati tal-ewwel, it-tielet, l-hames u seba akkuza. Tilliberah mill-bqija. Rat L-artikolu 214, 221, 251B, 141 u 17 tal-Kap 9. Tikkundannah komplessivament multa ta’ €6,000.

Tordna wkoll l-hrug kontra l-imputat ta’ ordni ta’ protezzjoni ghall-perjodu ta’ tlett snin mill-lum ai termini tal-Artikolu 412C tal-Kap 9 bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurta’ u l-protezzjoni tal-parti leza u uliedha minn kwalisijasi fastidju jew imgieba li tikkaguna biza ta’ vjolenza b’daqstant li tipprojibixxi lill-akkuzat li javvicina jew b’xi mod isegwi l-movimenti tal-parti leza u/jew uliedha jew b’xi mod jimmolesthom.

Il-Qorti spiegat lill-imputat ir-responsabilitajiet tieghu skond is sentenza.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------